MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1286/2004

**Dingli Co. International Limited bhala Mandatrici tas-socjeta Estera ta The Performing Right Society Limited ta Londra, Ingilterra**
**vs**

**Joanne Cauchi Sciortino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Gunju 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta erbgha u hamsin lira tletin centezmu (LM54.30) rapprezentanti hlas ta sentejn Royalties inkluza taxxa tal-Vat ghal perjodu bejn Awissu 2002 u Awissu 2004 in konnessjoni mal-licenzja rilaxxjata favur il-konvenuta skond dokument anness u markat Dok A fuq l-istabbiliment Abreeze Hair Salon Attard.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittri legali datati 31 ta Ottubru 2002 u 31 ta Ottubru 2003 u bl-interessi legali dekorribbli

mid-data tal-iskadenza relattiva kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-14 ta Lulju 2004 fein ikkontestat it-talbiet attrici stante li (1) tallega li hi ma ghandhiex ir-rapprezentanza legali tal-Abreeze Hair Salon; (2) l-ammont mitlub ghal perjodu bejn 2002 sa 2003 jinsab imhallas filwaqt li (3) dak mitlub ghal perjodu bejn 2003 sa 2004 ma hux dovut in vista tal-fatt li s-socjeta attrici kienet giet avzata minn quddiem biex twaqqaf l-istess licenzja peress li ma kinietx applikabbli ghall-istabbiliment in kwistjoni u liema kontestazzjonijiet jinsabu riflessi fuq dokument mehmuz mal-istess risposta.

Ikkunsidra.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-
konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu
jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma
deheritx la fis-seduta tal-24 ta Novembru 2004 meta gie
pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha, la ghas-seduti
li nzammu wara u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-
mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha
tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta
soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-
Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-
kaz billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici
s-somma kif mitluba ta erbgha u hamsin lira u tletin

centezmu (Lm54.30) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data
ta kull skadenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif
rikjesti ghandhom jigu lkoll sopportati mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------